MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 90/2013

**Appell Nru.  90/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Rennie Stivala)**
**Vs**
**Mark Agius**

**Illum 11 ta’ Lulju, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat [detentur tal-karta tal-identita` numru 7888(G)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’Awwissu 2012 u qabel, f’dawn il-Gżejjer:

1. assoċja ruħu ma’ xi persuni f’Malta jew barra minn Malta bil-għan li jdaħħal l-ammont li jeċċedi l-100,000 skartoċċ 12 gauge fil-Libja mingħajr liċenzja għall-esportazzjoni tal-istess skrataċ;

2. sabiex jikseb vantaġġ għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'dokument maħsub għal awtorita pubblika (Dwana) xjentement għamel dikjarazzjoni falza jew ta tagħrif falz;

3. mingħajr il-liċenzja jew il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija, pprova jesporta lejn il-Libja munizzjon skond l-iskedi tal-Kap 480;

4. ipprova jagħmel bejgħ, provvista jew trasferiment, direttament jew indirettament lil ċittadin tal-Jamaħirija Għarbija Libjana minn Malta jew minn ċittadini Maltin, jew billi uża bastimenti reġistrati taħt il-bandiera ta' Malta, ta' armi u tagħmir relatat ta' kull tip, inklużi armi u munizzjon;

5. fuq talba tad-Direttur Ġenerali tad-Dwana akkużat talli fl-14 ta' Awwissu 2012, bil-ko-operazzjoni ta' persuna jew persuni oħra, bil-ħsieb li jevadi xi projbizzjoni u/jew restrizzjoni tad-Dwana, u/jew taħt xi Liġi oħra, xjentement ittenta jew kien b'xi mod involut biex jiġu esportati kwantita' ta' skrateċ, liema esportazzjoni kienet suġġetta għal limitazzjoni jew għat-tħaris ta' kondizzjonijiet. Dawn l-iskrateċ instabu, wara intervent mill-uffiċjali tad-Dwana, ippakkjati u moħbija ma' kwantita' ta' *Energy Drinks - Red Bull*, waqt li kienu qed jitgħabbew fuq *container* bin-Numru TGHU2214755, biex sussegwentement jiġu esportati lejn il-Libja. Instab ukoll li kien hemm *toiletries* biex jiġu esportati. Sew l-*Energy Drinks - Red Bull* kif ukoll it-*toiletries* kienu ddikjarati għall-esportazzjoni lejn il-Libja bid-dokument tal-esportazzjoni tad-Dwana Numru 2012200111742. L-iskrateċ, l-*Energy Drinks - Red Bull u t-toiletries* għandhom Valur ta' €38,896.00, €45,481.21 u €756.00 rispettivament. Dazju tal-Esportazzjoni - Xejn

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Frar, 2013, li biha, wara li rat l-artikoli 48A, 188 u 17 tal-Kap. 9 u l-artikoli 5(2) u 51 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' Regolament 4(1)(a) u 9 tal-Avviz Legali 69/2011, u tal-artikoli 60(f)(g), 61(1), 62(h)(l)(m), 68(1), 69(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, stante l-ammissjoni tal-appellat il-Qorti sabitu

hati u kkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 u €600 multa li terz minnhom huma dejn civili.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fit-22 ta' Frar, 2013, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-apellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tikkonferma dik il-parti tal-piena fejn imponiet sentenza sospiza u l-multa ta' €600 li minnhom terz gie ddikjarat dejn civili favur id-Dwana, filwaqt ili tirrevoka fil-bqija, fis-sens illi wara li terga ssib lill-appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih, tipprosegwi billi tinfliggi l-piena kif diga` dedotta u zzid maghha l-multa ta' €9000 bhala l-piena ghall-ksur tar-regolamenti 4(1)(a) u 9 tal-Avviz Legali 69/2011 kif ukoll zzid l-ordni tal-konfiska kif tassattiva ai termini tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi preiiminarjament jinghad illi dan l-appell jirrigwarda biss il-piena mogtitija lill-appeliat.

Illi fl-ewwel lok u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appeli, il-partijiet kienu mifthemin dwar il-piena li ghandha tigi mposta fuq l-appeilat Ii apparti s-sentenza sospiza li effettivament inghatat fil-parametri tal-ligi u l-multa ta' €600 konsistenti wkoll b'terz bhala dejn clvili favur id-Dwana ai termini tal-artikoiu 62 tal-Kapitolu 37 tai-Ligijiet ta' Malta, kellha wkoll tinkludi multa addizzjonali ta' €9000 li kienu ser jaghmlu tajjeb ghall-ksur tar-regolamenti 4(1)(a) u 9 tai-Avviz Legali 69/2011. Madankoilu ghal xi raguni mhux maghrufa, meta giet iriilaxxata l-kopja tas-sentenza tipografata lil partijiet, din il-muita konsiderevoli Ii skond l-informazzjoni mghotija lis-sottoskritta, giet proposta bhala kwantum mir-

rapprezentant legali tal-appellat stess u giet mifthema seduta stante mal-prosekuzzjoni b'mod verbali, ma kinitx indikata fis-sentenza. Di piu lanqas ma kien hemm l-ordni vverbaiizzat tal-konfiska tal-oggetti mertu ta' dan ii-kaz li tassattivament skond l-artikoli 60(f)(g), 61(1), 68(1) u 69(1)(2) tal-Kapitolu 37 ghandu jigi applikat. Jinghad pero ghal kull buon fini illi dawn id-disposizzjonijiet kif hawn fuq esposti gew indikati fid-decide tas-sentenza a bazi ta' liema l-ewwel Qorti ghaddiet biex tghati s-sentenza taghha. Madankollu pero', dawn iz-zewg fatturi ma gewx riflessi espressament fil-piena mposta fil-parti konklussiva tas-sentenza erogata.

IIlli allavoija l-prassi ta' ftehim bejn il-partijiet fil-Qorti tal-Magistrati mijiex strattament regolata mill-ligi hlief f'dawk ic-cirkostanzi espressi, din il-Qorti diga esprimiet ruhha fuq tali cirkostanzi fis-sens illi jekk ikun hemm ftehim bejn il-partijiet dwar il-piena, u jekk il-Qorti taqbel maghha, din il-piena ghandha tigi riflessa fis-sentenza taghha fil-piena moghtija. Mill-banda l-ohra jekk il-Qorti ma taqbiix, trid tesprimi ruhha f'dan is-sens qabel ma taghti s-sentenza biex l-imputat jekk hemm bzonn jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu jew jirregola ruhha skond il-kaz li jkun. Fil-kaz kurrenti fiiwaqt li l-Qorti kellha kull dritt u setgha Ii ma taqbiix u taghti piena differenti minn dik suerita lilha, ma jidhirx li kien hemm nuqqas ta' qbil jew riluttanza miil-Qorti mal-piena proposta mill-partijiet.

Illi filwaqt li l-esponent jista jikkoncedi li *verba volant scripta manem u quod non est in atti not est in mundo* b'rispett qed jigi sottomess li ailavoija dak hawn fuq ravvizat mhux verbalizzata fil-verbal tas-6 ta' Frar 2013 u lanqas fis-sentenza, umilment issir referenza ghaIl-ahhar pagna tal-process senjatament il-parti interjuri tal-ghata tad-dokumenti ezebiti f'dan il-kaz (inlay tal-folder innifsu) fejn tirrizulta l-kitba taI-Magistrat sedenti fl-ewwel Qorti u fejn il-piena kif mifthema bejn il-partijiet u parzjalment eskluza hija effettivament miktuba (€9000). Jirrizulta ulterjorment, kif jista jigi ppruvat ukoll mix-xhieda tal-ispettur, tal-ufficjali tad-dwana li kienu prezenti u anki mill-avukat difensur tal-appellat, Ii l-Magistrat effettivament u verbalment fil-Qorti mpona il-piena kif indikata fis-

sentenza flimkien mal-multa ta' €9000 ghas-sanzjonijiet 4 akkuza reg 4, 9 LN69/2011. Rigward il-konfiska allavolja kien hemm l-accenn ghaliha ukoll b'mod verbali mill-Magistrat, filwaqt Ii d-disposizzjonijiet relativi gew indikati fis-sentenza, l-ordni verbali ghaliha ma inghatatx mill-ewwel Qorti.

Illi b'kull dovut rispett jinghad ukoll in sostenn tal-argumenti hawn fuq esposti illi mid-dicitura tad-decide tipografata jidher Ii l-multa imposta espressament ta' €600 hija dik biss applikabbli ai fini tal-akkuzi Ii jiksru id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tad-Dwana u dan peress Ii l-Qorti ordnat Ii terz mill-ammont intier ta' €600 imur favur id-Dwana bhala Dejn Clvili. Jekk il-Qorti inkludiet il-multa ai fini tal-ksur tal-Avviz Legali 69/2011 f'dan l-ammont ma kienx ikun possibbli ghaliha Ii tikkalkula d-dejn civili fuq l-ammont kollu peress Ii dan ghandu jitqies biss fuq il-multa rapprezentanti biss il-ksur tad-disposizzjonijiet tad-dwana.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, fir-rigward tal-konfiska jinghad u jigi ppuntwalizzat ghal kull buon fini illi effettivament l-konfiska tal-oggetti mertu ta' dan il-kaz kien diga fisikament sar u dan peress illi l-konfiska tal-istess oggetti mertu ta' dan il-kaz kienu diga gew ikkonfiskati fil-procedura fl-ismijiet Pulizija vs Khalil Sedegh Harrus permezz ta' sentenza Ii inghatat miil-Qorti tal-Magistrati fil-5 ta' Settembru 2012 mill-Magistrat Francesco Depasquale. Madankollu, filwaqt Ii l-konfiska per se diga giet effettwata permezz ta' kaz iehor precedenti, l-ewwel Qorti kellha xorta walda tordna Ii ssir il-konfiska u dan minhabba d-dettami legali ta' natura tassattiva Ii japplikaw tramite l-artikoli relattivi taht il-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta specjalment meta wiehed iqis illi d-disposizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu gew effettivament riflessi fid-decide tal-ewwel Qorti. Di piu kien hemm anki t-talba ghal din il-konfiska mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni mahruga kontra l-appellat. Filwaqt Ii huwa minnu Ii fir-realta' in-nuqqas tal-ordni in kwistjoni ma tbiddel xejn mic-cirkostanzi tal-appellat, ghall-kompletezza legali huwa opportun Ii l-ordni tinghata ugwalment bil-kitba f'din is-sentenza. Fil-prattika pero' u dejjem minghajr pregudizzju ghas-sueccipit, din il-

konfiska ma tkunx tista tigi applikata peress illi l-konfiska tal-oggetti in kwistjoni sehhet xhur ilu.
Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-erbatax (14) ta’ Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) il-pulizija ircevew rapport mill-ufficcjali tad-dwana fejn, waqt spezzjoni, ta’ rutina rrizultalhom numru kbira ta’ skratac mohbija gewwa kaxxi mimlijin bottijiet tar-Red Bull li kienu se jigu importati permezz ta’ container li kien qed jigi mghobbi ghall-esportazzjoni lejn il-Libja. Il-pulizija marru l-J & T Transport Limited gewwa Tal-Handaq fejn irrizulta li dan il-container kien qed jinbiegh minn Agius Services Limited ir-Rabat, Ghawdex lill-persuna ta’ nazzjonalità Libjana bl-isem ta’ Khalil Harrus. Irrizulta ukoll illi dawn il-bottijiet kienu ippakkjati fuq paletti ta’ daqs differenti, kienu ntbaghtu minn Mark Agius sabiex jigu esportati kif kienu. Minn investigazzjonijiet ulterjuri irrizulta illi terza persuna kienet inghatat struzzjonijiet minn Mark Agius sabiex jahbi l-iskratac bil-manjiera kif sussegwentement instabu mill-ufficcjali tad-dwana sabiex dawn jigu esportati lejn il-Libja.

Sussegwentement l-appellat gie arrestat u ttiehed il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi kif murija fil-bidu ta’ dan il-gudikat u b’sentenza tas-sitta (6) ta’ Frar tal-elfejn u tlettax (2013) wara ammissjoni gie misjub hati, ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal sentejn, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 28(a) tal-Kap 9 u sitt mitt ewro (€ 600) multa li terz minnhom huma dejn civili.

L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-sentenza li minnha interpona appell u l-aggravju principali tieghu kien jirrigwarda l-piena fejn parti pjuttost konsiderevoli, kif miftehma bejn il-partijiet, fil-konfront tal-akkuzi redatti taht l-Avviz Legali 69/2011, gew eskluzi, kif ukoll il-Qorti, ma ordnatx il-konfiska tal-oggetti mertu ta’ dawn il-procedura skont it-talba tal-Prosekuzzjoni u wkoll il-ligijiet tad-dwana, liema konfiska hija obbligatorja.

Meta l-kawza nstemghet quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ewwel seduta taghha tat-22 ta’ Mejju 2013, id-Difiza iddikjarat illi qed taderixxi mar-rikors tal-appell tal-

Avukat Generali u tirrikonoxxi li sar zbal fil-multa meta giet redatta s-sentenza ufficcjali u li t-talba tal-Avukat Generali jisthoqq li tkun milqugha.

Ovvjament b’verbal bhal dan mhux il-kaz illi din il-Qorti toqghod tikkonsidra l-mertu tal-kaz izda tghaddi minnufih biex tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, tikkonferma dik il-parti tal-piena fejn imponiet sentenza sospiza u multa ta’ sitt mitt ewro (€ 600) li minnhom terz gie dikjarat bhala dejn civili favur id-dwana, u zzid ma’ din il-piena l-multa ta’ disat elef ewro (€ 9,000) bhala l-piena ghall-ksur tar-regolamenti 4(1)(a) u 9 tal-Avviz legali 69/2011, u tordna l-konfiska tal-munizjon u oggetti kollha involuti f’dan il-kaz ai termini tal-Ordinanza tad-Dwana, Kap 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------